MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Numru. 462/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Edel Mary Camilleri]**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Guillaume Patrick Vincent**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Guillaume Patrick Vincent detentur tal-Passaport Franciz bin-numru tal-identita' bin-numru 12AZ98745.

Akkuzat talli:

1. Nhar nhar it-30 ta' Mejju 2015 gewwa Santa Venera ikkommetta serq ta' diversi oggetti ta' valur li jeccedi l-€232.94 izda huwa inqas minn €2,329.70 minn residenza li tinsab Victoria Court, Flat 6, Triq il-Kappillan Mifsud, Santa Venera, liema serq huwa kwalifikat bil-valur u bil-lok ghad-detriment ta' diversi persuni u dan bi ksur tal-Artikoli 261(c)(e), 267, 269(g), 279(a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. U aktar talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, l-imsemmi Guillaume Patrick Vincent ihallas lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mil-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat.

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe` Artikoli 261(c)(e), 267, 269(g), 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante l-ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u li hallas pjenament a saldu ta' kull pretensjoni, ssib lill-imputat Guillaume Patrick Vincent hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) xhur millum.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga cannabis esebita fl-atti u mmarkati bhala DOK JS9.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------